

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/398**tas-16 ta' Marzu 2016****li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-ħobż ittrattat bir-raġġi UV bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***(notifikata bid-dokument C(2016) 1527)***(It-test bl-Iżvediż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Frar 2014, il-kumpanija Viasolde AB, li timmanifattura t-tagħmir għat-trattament bir-raġġi UV, talbet lill-awtoritajiet kompetenti tal-Finlandja biex tqiegħed il-ħobż ittrattat bir-raġġi ultravjola (UV) fis-suq bħala ikel ġdid skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 258/97. L-għan tat-trattament tal-ħobż bir-raġġi UV huwa li jżid il-kontenut tal-vitamina D fil-ħobż, li jfisser li l-valur nutrittiv tal-ħobż ikun ivarja b'mod sinifikanti mill-valur nutrittiv tal-ħobż moħmi b'mod tradizzjonali.
- (2) Fl-14 ta' Marzu 2014, il-korp kompetenti għall-valutazzjoni tal-ikel tal-Finlandja ħareġ ir-rapport inizjali ta' valutazzjoni tiegħu. F'dak ir-rapport, il-korp ikkonkluda li l-ħobż ittrattat bir-raġġi UV jissodisfa l-kriterji għal ikel ġdid stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.
- (3) Fid-19 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni baġtet ir-rapport inizjali ta' valutazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.
- (4) Matul il-perjodu ta' 60 jum stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tqajmu xi oġġezzjonijiet motivati.
- (5) Fit-13 ta' Novembru 2014 il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) u talbitha tagħmel valutazzjoni oħra għall-ħobż ittrattat bir-raġġi UV bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97.
- (6) Fil-11 ta' Ġunju 2015, fl-"Opinjoni xjentifika tagħha dwar is-sikurezza tal-ħobż ittrattat bir-raġġi UV bħala ikel ġdid" ⁽²⁾, l-EFSA kkonkludiet li l-ħobż mogħni bil-vitamina D₂ permezz tat-trattament bir-raġġi UV huwa sikur skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti.
- (7) Għaldaqstant, l-opinjoni tagħti raġunijiet biżżejjed biex jiġi stabbilit li l-ħobż ittrattat bir-raġġi UV bħala ikel ġdid jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ jistabbilixxi rekwiżiti dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel. L-użu tal-ħobż ittrattat bir-raġġi UV għandu jkun awtorizzat mingħajr ħsara għar-rekwiżiti ta' din il-leġiżlazzjoni.
- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*Il-ħobż ittrattat bir-raġġi UV speċifikat fl-Anness I jista' jitqiegħed fis-suq bħala ikel ġdid b'livell massimu ta' 3 µg ta' vitamina D₂ għal kull 100 gramma ħobż mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006.⁽¹⁾ ĠUL 43, 14.2.1997, p. 1.⁽²⁾ EFSA Journal 2015; 13(7):4148.⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel (ĠUL 404, 30.12.2006, p. 26).

Artikolu 2

Fuq it-tikketta tal-prodott, mal-isem għandu jiżded dan li ġej: “fih il-vitamina D prodotta bit-trattament bir-raġġi UV”.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-kumpanija Viasolde AB, Dalstigen 4, 262 63, Ängelholm, l-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

SPEĊIFIKAZZJONI TAL-ĦOBŻ ITTRATTAT BIR-RAĠĠI UV**Definizzjoni:**

Il-ħobż ittrattat bir-raġġi UV huwa ħobż u bziezen bil-ħmira (mingħajr affarijiet miżjuda fil-wieċ) li jkunu ġew ittrattati bir-raġġi UV wara l-ħami sabiex l-ergosterol jinbidel f'vitamina D₂ (jiġifieri f'ergokalċiferol).

Ir-radjazzjoni UV: proċess ta' radjazzjoni bid-dawl ultravjola fil-frekwenza ta' 240 sa 315 nm għal mhux aktar minn 5 sekondi b'input tal-enerġija ta' 10 sa 50 mJ/cm².

Il-vitamina D₂:

Isem kimiku	(5Z,7E,22E)-3S-9,10-sekoergosta-5,7,10(19),22-tetraen-3-ol
Sinonimu	Ergokalċiferol
Numru tal-CAS	50-14-6
Piż molekulari	396,65 g/mol

Il-kontenut:

Il-vitamina D ₂ (l-ergokalċiferol) fil-prodott finali	0,75 sa 3 µg għal kull 100 g ⁽¹⁾
Ħmira fl-għaġina	1 sa 5 g għal kull 100 g ⁽²⁾

⁽¹⁾ L-istandard Ewropew EN 12821, 2009.

⁽²⁾ Kalkolu tar-riċetta.